Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 19 ta' Mejju 2025**

**Distrett Hamrun**

**Kawza Numru 3430/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ian Vella)**

**Versus**

**Thomas Michel**
**(K.I. Germaniza LFVC2JCFL)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Thomas Michel**, detentur tal-karta tal-identita' Germaniza LFVC2JCFL.

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Marzu 2024 ghal habta tas-13.00hrs gewwa Triq it-Tigrija gewwa l-Marsa Park & Ride, Marsa:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn Ewro 250 izda anqas minn Ewro 2,500 ghad-dannu ta' Massimo Borg.

2. F'post pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu innifsu. Art. 338(ff) tal-Kap 9.

3. B'mod volontarju kiser il-bon ordni u/jew il-paci pubblika permezz ta' ghajjat u hsejjes. Art. 338(dd) tal-Kap. 9.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Massimo Borg skont l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skont l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti prezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta' Massimo Borg u ta' Sammy Borg.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**Illi fl-ewwel lok, il-Qorti qed tara illi akkuzi numru tnejn (2) u numru (3) huma preskritti u allura qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.**

Illi rigward **l-ewwel (1) imputazzjoni**, fix-xhieda moghtija mill-*parte civile* Massimo Borg, jirrizulta illi ma setax jiftakar id-data ta' l-incident u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed **issib lill-imputat Thomas Michel mhux hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u tilliberah minnha.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**